# BEATI U QADDISIN...APRIL

**SANTA SARA TA ANTJOKJA**
**20 ta' APRIL**

Is-"Sinassario Alessandrino" huwa l-uniku dokument




li jikkonferma li Santa Sara ghexet bejn is-seklu 3 u raba' seklu u li jpoggi t-twelid taghha fis-sema, jigifieri l-martirju taghha fl-20 ta' April.

Bint familja sinjura, izzewget ufficjal gholi involut fil-persekuzzjonijiet mibdija minn Djoklezjanu. Hi ippreferiet li uliedha ma jitghammdux fil- belt, u ddecidiet li taghmel dan f'Lixandra, l- Egittu, fejn kienet tghix komunità prospera ta' Kristjani li kienu ghadhom ma gewx ffastidjati b'mod eccessiv mill-persekuzzjoni.

Il-vjagg kien milqut minn maltempata qawwija, hekk li hasbu li ser jintilfu. Sara harget id-demm minn sidirha permezz ta' sikkina u bid-demm immarkat liz-zewgt itafla bis-sinjal tas-salib u ghaddsithom tlett darbiet fl-ilma bahar, tinvoka t-Trinita' skont ir-rit tal-Maghmudija. Il-maltemp ghadda u l-vapur wasal fil-port ta' Lixandra fl-Egittu, fejn Sara pprezentat ruhha lill-qassis Pietru biex uliedha jircievu l-Maghmudija.

Meta wasal iz-zmien li jircievu l-Maghmudija, madankollu, sehhet grajja inspjegabbli: kull darba li Sara resqet biex tghammed lil uliedha, l-ilma tal-Maghmudija jiffriza istantanjament. Sara talbet spjegazzjonijiet lis-sacerdot, li, wara li sar jaf bil-maghmudija li nghatat f'mument ta' periklu kbir, serrah mohhu li s-sagrament amministrat minn Sara kien validu.

Sara marret lura Antijokja ma' wliedha. Ladarba waslet id-dar, qalet l-istorja lil zewgha Sokrate, bit-tama li jikkonverti, izda l-ufficjal irrapportaha lill-kmandant tieghu Dijoklezjanu. Huwa arresta lil Sara u nterrogaha bl-ahrax; bezghet u baqghet kompletament siekta. Irrabjat bl-imgieba tal-mara, huwa kkundannaha biex tkun mahruqa maz-zewg uliedha.